# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**
**ONOR. IMHALLEF ROBERT MANGION**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar 2020**

**Numru 1**

**Rikors numru 796/19 JRM**

**Paul u Rita konjuġi Vella**

**v.**

**Dr Darien Cini**

**Il-Qorti:**

1. Fl-14 ta' Awissu, 2019 Darien Cini (appellant) ippreżenta rikors għar-revoka ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1086/2019 skont il-proċedura kontemplata fl-Artikolu 281 tal-Kap. 12.

2. B'digriet mogħti fit-12 ta' Settembru, 2019 il-Prim'Awla ddeċidiet:

> "*Tilqa' f'biċċa minnha t-talba tar-rikorrent eżekutant għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1086/19 maħruġ kontrih mill-intimati eżekutanti fis-7 ta' Awwissu 2019, sa fejn it-talba tolqot il-kawżali tal-ispejjeż, imma tiċħadha għall-bqija, bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet*".

3. B'rikors preżentat fis-17 ta' Settembru, 2019 l-appellant appella mid-digriet.

4. Fl-14 ta' Novembru, 2019 l-appellati ppreżentaw tweġiba fejn taw ir-raġunijiet għalfejn din il-qorti għandha tiċħad l-appell.

**Fatti**.

5. Il-qorti ser tgħaddi biex issemma l-fatti l-iktar rilevanti għall-għan tal-appell:-

i. L-appellati talbu u ottjenew il-ħruġ ta' mandat ta' qbid għas-somma ta' €20,000 kontra l-appellant u martu Dr Amanda Marie Cini li huma miżżewwġin. Il-mandat sar sabiex tinqabad il-vettura Audi Q5 bin-numru TID 008. Dr Amanda Marie Cini hi bint l-appellati.

ii. Fit-13 ta' Lulju, 2017 saret l-eżekuzzjoni tal-mandat u l-vettura ttieħdet mill-pussess tal-appellant.

iii. Fl-14 ta' Lulju, 2017 l-appellant ippreżenta ċedola ta' depożitu għas-somma ta' €20,000, "*sabiex jiġu liberament żbankati minn min għandu jedd għalihom skont il-liġi u wara deċiżjoni finali tal-qorti*".

iv. B'sentenza tat-2 ta' Frar, 2018 fil-kawża **Paul Vella et v. Dr Darien Cini et** (697/2017) l-appellat u martu kienu kkundannati jħallsu lill-atturi s-somma ta' €20,000 li ssellfu mingħand l-atturi, flimkien mal-ispejjeż.

v. Fis-7 ta' Mejju, 2018 il-Prim'Awla tat digriet li bih awtorizzat lill-konjuġi Vella sabiex jiżbankaw is-somma ta' €20,000 depożitata fil-qorti. Jidher li d-digriet ingħata fuq talba tal-appellati, u wara li l-appellant oġġezzjona għall-istess (ara tweġiba li ppreżentaw l-appellati quddiem l-ewwel Qorti a fol. 70 u d-digriet tas-7 ta' Mejju, 2018 a fol. 44).

vi. B'ittra legali tal-25 ta' Mejju, 2018 l-appellati talbu lill-appellant sabiex iħallashom is-somma ta' €4,534.80 bħala spejjeż ġudizzjarji in konnessjoni mal-kawża 697/2017 deċiża fit-2 ta' Frar, 2018.

vii. Fl-1 ta' Ġunju, 2018 l-appellat iddepożita fil-qorti (ċedola 1067/18) is-somma ta' €2,565.29 li fil-fehma tiegħu kien l-ammont dovut in konnessjoni mal-ispejjeż ġudizzjarji relatati mal-kawża 697/17; mandat ta' qbid numru 1006/17; ittra uffiċjali 61/17 u imgħax. Somma depożitata *in full and final settlement* sabiex l-appellati jiżbankawha.

viii. Fis-7 ta' Awissu, 2019 l-appellati talbu u ottjenew il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru għas-somma ta' €814.30 imgħax u €1,354.98 li huma ħamsin fil-mija ta': i) €1,1973.33 spejjeż ġudidzzjarji u VAT tal-kawża 697/2017 deċiża fit-2 ta' Frar, 2018; ii) €111.64 spejjeż, drittijiet u VAT fuq il-mandat ta' qbid 1006/17; iii) €46.02 spejjeż, drittijiet u VAT fuq l-ittra ufficjali tas-7 ta' Lulju, 2017.

ix. Għal dak li jikkonċerna s-somma ta' €814.30 imgħax, is-somma ta' €650.96 ġie ddikjarat li hu sehem l-appellat b'effett mill-14 ta' Lulju, 2017 ċjoe' d-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali (61/17) sas-7 ta' Mejju, 2018 li kienet id-data meta l-appellati kienu awtorizzati jiżbankaw is-somma ta' €20,000; u €163.34 li hu l-imgħax fuq l-ispejjeż fl-ammont ta' €1,354.98 b'effett mit-2 ta' Far 2018 li hi d-data tas-sentenza **Paul Vella et v. Dr Darien Cini et** (Rikors numru: 697/2017).

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

1. L-appell limitat għal dik il-parti tad-digriet li bih l-ewwel Qorti ddeċidiet li l-imgħax mitlub hu dovut. Għaldaqstant, il-parti relatata mal-ispejjeż ġudizzjarji hi ġudikat.

2. Għal dak li jikkonċerna l-imgħax, il-Prim'Awla qalet:-

"*Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni kawżali tal-imgħaxijiet miġmugħa, l-eżekutat jgħid li, ladarba huwa kien għadda biex iddepożita s-somma kollha mitluba mill-eżekutanti (magħdud saħansitra sehem martu minn dak id-dejn) taħt l-awtorità tal-Qorti, ma kellux jibqa' jinġema' mgħax favur il-kredituri tagħhom. Minbarra dan, jikkontesta wkoll il-fatt li l-eżekutanti qegħdin jitolbu mgħax fuq spejjeż marbuta mal-kawża;*

"*Illi l-eżekutanti jwarrbu għal kollox dan l-argument u jisħqu li d-depożitu magħmul mill-eżekutat f'Lulju tal-2017 ma setax iservi bħala ħlas u wisq anqas iwaqqaf il-mixi tal-imgħax fuq dik is-somma. Huma jgħidu li dak id-depożitu ma sarx kif titlob il-liġi u għalhekk ma jikkostitwix ħlas. La ma jikkostitwix ħlas, ma jistax jingħad li l-imgħax waqaf jinġema' fuq is-somma;*

"*Illi l-Qorti tqis li l-eżekutat għadda biex jiddepożita s-somma ta' € 20,000 hekk kif inħareġ kontrih (u martu) il-Mandat ta' Qbid kawtelatorju fis-7 ta' Lulju, 2017. Id-depożitu sar biex ikun jista' jinħareġ il-Kontro-Mandat u biex il-vettura maqbuda ma tkunx elevata. Fl-istess Ċedola, l-eżekutat għamilha ċara li huwa kien qiegħed jikkontesta l-pretensjoni tal-eżekutanti u rabat l- iżbank tad-depożitu wkoll mal-għoti ta' "deċiżjoni finali tal-Qorti". Mhux kontestat li l-eżekutat ma offriex il-ħlas lill-eżekutanti qabel ma għadda biex jiddepożita s-somma;*

"*Illi l-Qorti jidhrilha li l-eżekutanti jgħidu sewwa f'dan ir-rigward. Ladarba l-eżekutat ma mexiex ma' dak li tgħid il-liġi dwar l-offerta ta' ħlas u tad-depożitu, ma jistax jingħad li d-depożitu waqqaf il-mixi tal-imgħax. Fil-kawża miftuħa minnhom, l-eżekutanti speċifikatament talbu l-imgħaxijiet u l- Qorti laqgħet it-talbiet kollha tagħhom. Min-naħa tal-eżekutanti, il-pretensjoni tagħhom għall-imgħaxijiet fuq is-somma ta' € 20,000 b'seħħ minn dakinhar tan- notifika tal-ittra uffiċjali hija waħda tajba u mistħoqqa. Jirriżulta wkoll li kien biss fit-8 ta' Mejju tal-2018 li huma setgħu jiżbankaw is-somma depożitata: u ladarba ma kienx ħtija tat-tnikkir tagħhom li ma sarx l-iżbank tas-somma depożitata qabel dakinhar, allura l-imgħax baqa' miexi fuq dik is-somma;*

"*Illi għal dak li jirrigwarda l-imgħaxijiet li jirrigwardaw spejjeż taxxati, il-Qorti tqis li, safejn dawn jagħmlu parti mill-eżekuzzjoni ta' sentenza, mhuwiex il-każ li l-kreditur jirrendi l-pretensjoni eżekuttiva bis-saħħa ta' interpellazzjoni ġudizzjarja sabiex jista' jingħad li jiddekorri l-imgħax, u għalhekk l-eżekutanti ma jidhirx li qegħdin jonqsu meta jippretendu l-imgħaxijiet ukoll dwar dawk l-ispejjeż;*

"*Illi minħabba f'hekk il-Qorti ssib li l-eżekutat ma seħħlux jagħtiha raġuni tajba biex tordna t-tħassir tal-Mandat ukoll taħt din il-kawżali*".

3. Il-qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant.

**<u>L-ewwel aggravju</u>**.

4. L-appellant isostni li l-ewwel Qorti żbaljat meta kkonkludiet li l-imgħax jibqa' jakkumula. Isostni li l-imgħax dovut hu dak bejn is-7 ta' Lulju, 2017 sal-14 ta' Lulju, 2017, data meta ippreżentata ċ-ċedola ta' depożitu.

5. Il-qorti ma taqbilx ma' dak ir-raġunament. L-imgħax baqa' jakkumula wkoll wara d-depożitu tas-somma ta' €20,000. L-appellant iddepożita l-flus taħt il-kundizzjoni li jittieħdu, "***... minn min għandu jedd għalihom skont il-liġi u wara deċiżjoni finali tal-Qorti***".

6. Għaldaqstant, id-depożitu ma kienx biżżejjed sabiex iwaqqaf l-imgħax. Dak id-depożitu ma kienx jammonta għall-ħlas tad-dejn. Wara kollox kif dikjarat fl-istess ċedola, id-depożitu sar sabiex l-appellant "*.... jeħles mill-effetti kollha tal-mandat odjern u għalhekk mingħajr ebda ammissjoni .......*". B'hekk l-imgħax baqa' jiżdied ukoll wara li l-appellant ippreżenta ċ-ċedola ta' depożitu.

7. Ovvjament ġia ladarba d-depożitu sar taħt kundizzjoni, ma jistax jitqies li kien ifisser pagament tad-dejn u estinzjoni tal-obbligazzjoni.

8. L-appellant semma wkoll ittra datata 10 ta' April, 2017 li biha jgħid li offra l-ħlas ta' sehemu mid-dejn. L-imgħax hu aċċessorju għall-prinċipal (kreditu ta' €20,000). Offerta ta' ħlas ta' parti mid-dejn, m'huwiex ħlas. Dan apparti li l-appellati ma kellhom l-ebda obbligu li jaċċettaw ħlas ta' parti mid-dejn.

9. Fl-ewwel aggravju l-appellant jilmenta wkoll mis-somma li jippretendu l-appellanti ta' €163.34 li fil-mandat ta' sekwestru ddikjaraw li hi, "*.... il-kwota ta' ħamsin fil-mija (50%) dovuta mis-sekwestrat tal-imgħax fuq l-ispejjeż fl-ammont ta' €1,354.98, liemaa imghax qed jiġi konteġġat b'effet mit-2 ta' Frar, 2018, id-data tas-sentenza fl-ismijiet Paul Vella et vs Dr Darien Cini et, Rikors Ġuramentat 697/2017/MH sal-lum*".

10. Fit-tweġiba li ppreżentaw fil-Prim'Awla, l-appellati spjegaw:-

> "*L-esponenti qed ifittxu wkoll il-ħlas tal-imgħax legali fuq l-ispejjeż ġudizzjarji, fl-ammont ta' €1354.98, b'effett mit-2 ta' Frar 2018 (id-data tas-sentenza) sas-6 ta' Awissu, 2019 (lejliet id-data tal-preżentata tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv de quo). Għalhekk:*
>
> "*€1354.98 x 8% = €108.39 fis-sena = €0.29698 kuljum.*
>
> "*L-intervall bejn it-2 ta' Frar 2018 u s-6 ta' Awissu 2019 huwa ta' 550 jum.*
>
> "*550 x €0.29698 = €163.34".*

11. Is-somma ta' €1354.98 tikkonsisti f'€1,197.33 spejjeż fir-rigward tal-kawża 697/17/MH; €111.64 spejjeż u drittijet fir-rigward tal-mandat ta'

qbid 1006/17; u €46.02 spejjeż u drittijiet fir-rigward tal-ittra uffiċjali 61/17. Ammonti li l-appellati ddiskrivew bħala *"sehem is-sekwestrat (50%)"*.

12. L-appellant isostni li l-appellati m'għandhomx jedd għall-imgħax fuq l-ispejjeż ġudizzjarji, għaliex:

i. Spejjeż ġudizzjarji ma jifformawx parti mis-sorte u għalhekk ma jiġġenerawx imgħax;

ii. L-ispejjeż, drittijiet u VAT kienu depożitati permezz ta' ċedola ta' depożitu preżentata fl-1 ta' Ġunju, 2019. Għalhekk wara dakinhar l-ebda imgħax ma kien dovut.

13. Dwar dak l-imgħax, il-Prim'Awla qalet:

> "*Illi għal dak li jirrigwarda l-imgħaxijiet li jirrigwardaw spejjeż taxxati, il-Qorti tqis li, safejn dawn jagħmlu parti mill-eżekuzzjoni ta' sentenza, mhuwiex il-każ li l-kreditur jirrendi l-pretensjoni eżekuttiva bis-saħħa ta' interpellazzjoni ġudizzjarja sabiex jista' jingħad li jiddekorri l-imgħax, u għalhekk l-eżekutanti ma jidhirx li qegħdin jonqsu meta jippretendu l-imgħaxijiet ukoll dwar dawk l-ispejjeż*".

14. Ma jidher li m'hemm xejn fil-liġi li jivvjeta li jgħaddi imgħax fuq l-ispejjeż ġudizzjarji li t-tellief f'kawża jkollu jħallas lir-rebbieħ.

15. Fis-sentenza tal-2 ta' Frar, 2018 il-Prim'Awla ikkundannat lill-konjuġi Cini għall-ispejjeż "*ugwalment bejniethom*". Il-qorti ma kkundannatx lill-appellant sabiex iħallas l-imgħax fuq l-ispejjeż ġudizzjarji,

li sa dak iż-żmien kienu għadhom m'humiex determinati. Hu r-Reġistratur li jintaxxa l-ispejjeż ġudizzjarji skont it-tariffi li hemm fil-Kap. 12.

16. L-ispejjeż ġudizzjarji kienu determinati hekk kif ir-Reġistratur ħareġ it-taxxi uffiċjali, f'data wara s-sentenza tat-2 ta' Frar, 2018. Qabel dakinhar ma kienx hemm ammont likwidu, u għalhekk ma setax jiddekorri imgħax fuq ammonti li ħadd ma kien jaf għadhom x'inhuma.

17. L-obbligazzjoni tal-appellant li jħallas l-imgħax kien minn dakinhar meta l-appellat ġie msejjaħ b'att ġudizzjarju li jħallas l-ispejjeż ġudizzjarji li kienu ġew intaxxati mir-Reġistratur (Artikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili). L-appellati ma ressqux prova li mid-data tal-ħruġ tat-taxxi sad-data li fiha qegħdin jippretendu l-imgħax (6 ta' Awissu, 2009), innotifikaw lill-appellant b'att ġudizzjarju sabiex iħallas.

18. Fiċ-ċirkostanzi din il-qorti hi tal-fehma li l-imgħax ta' €163.34 fuq l-ispejjeż ġudizzjarji, m'huwiex dovut.

**<u>It-tieni aggravju</u>**.

19. L-appellant isostni li se mai l-imgħax dovut minnu hu fuq sehemu mis-somma ta' €20,000.

20. Jidher li fiż-żmien rilevanti kien hemm il-komunjoni tal-akkwisti bejn l-appellant u martu Dr Amanda Cini. Il-presunzjoni hi li d-dejn kien tal-komunjoni tal-akkwisti. Għaldaqstant, wieħed ma jistax jargumenta li kull ma kien dovut mill-appellant kien €10,000. Dan apparti li kien l-appellant stess li fil-kawża ppreżenta nota ta' ammissjoni, kif għamlet martu. L-ammissjoni m'hijiex għal €10,000 iżda €20,000.

21. L-appellant ta xejn jibqa' jirreferi għaċ-ċedola ta' depożitu li biha ddepożita s-somma ta' €20,000, għaliex il-flus kienu ġew depożitati taħt kundizzjoni kif spjegat hawn fuq.

22. Inoltre, l-appellant talab biss għal nofs l-imgħax fuq is-somma ta' €20,000 għal matul il-perjodu **mill-14 ta' Lulju, 2017 sas-7 ta' Mejju, 2018**. B'hekk fir-realta' jiġi li kkalkolaw l-imgħax fuq somma ta' €10,000 biss. Kuntrarjament għal dak li jsostni l-appellant, nofs l-imgħax fuq is-somma ta' €20,000 għall-perjodu in kwistjoni, m'huwiex €325.48 iżda l-ammont li jippretendu l-appellati.

**<u>It-tielet aggravju.</u>**

23. B'dan l-aggravju l-appellant jilment li l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra fatti li għandhom inaqqsu l-imgħax:

i. L-appellant sa mill-bidunett dejjem qal li kien lest li jħallas sehemu mis-somma ta' €20,000 (ara ittra t'April, 2017);

ii. Fl-14 ta' Lulju, 2017 iddepożita €20,000;

iii. B'nota li ppreżenta fil-kawża, ammetta t-talba inkwantu tirreferi għal sehemu (€10,000);

iv. Dr Amanda Cini ammettiet it-talba fl-istess kawża;

v. Fit-2 ta' Frar, 2018 il-Prim'Awla tat is-sentenza.

24. Fl-ewwel lok il-qorti tosserva li fis-sentenza **Paul Vella et v. Dr Darien Cini et** (697/2017), il-Prim'Awla qalet li "*Dr Darien Cini ppreżenta nota li biha ammetta t-talbiet pero kkontesta l-kap spejjeż għar-raġunijiet hemm esposti*". Ma jingħadx li l-appellant ammetta t-talba limitatament għas-somma ta' €10,000.

25. Il-qorti żżid li l-konsiderazzjonijiet li kellha tagħmel dwar l-imgħax fir-rigward tas-somma ta' €20,000 diġa saru b'riferenza għaż-żewġ aggravji preċedenti u m'għandhiex iktar x'iżżid f'dak ir-rigward. Konsiderazzjonijiet li japplikaw għal dan l-aggravju wkoll.

**<u>Ir-raba' aggravju</u>**.

26. B'dan l-aggravju l-appellant jerġa' jisħaq li bħala stat ta' fatt kien iddepożita sehemu mill-ammont pretiż.

27. Il-qorti m'għandhiex wisq x'iżżid ma' dak li diga' qalet fl-aggravji preċedenti.

28. Il-vettura li nqabdet hi preżunta li kienet tal-komunjoni tal-akkwisti, kif wara kollox huma l-€20,000. Is-sentenza kienet kontra l-appellant u martu, u l-appellati kellhom kull jedd li jirtiraw is-somma sħiħa li ġiet depożitata mill-appellant. Somma li hu stess agħżel li jiddepożita sabiex jitħassar il-mandat ta' qbid numru 1006/17.

29. Hu minnu li fil-mandat ta' sekwestru l-appellati ppretendew ħlas ta' nofs l-imgħax u spejjeż ġudizzjarji, madankollu dak ma jbiddel xejn mill-fatt li bħala kredituri kellhom jedd jitħallsu s-sorte ta' €20,000 mill-flus li l-appellant iddepożita permezz taċ-ċedola 1156/2017. Jekk hemm xi kwistjonijiet dwar jekk martu għandhiex tikkontribwixxi għar-rigward tas-somma ta' €20,000, dik hi materja li l-konjuġi Cini jridu jaraw bejniethom u l-appellati Vella huma estranji għaliha.

30. Ir-riferenza li għamel l-appellant għaċ-ċedola 1067/2018, hi irrilevanti għall-finijiet ta' dan l-appella ġia ladarba:

i. B'dik iċ-ċedola fl-1 ta' Ġunju, 2018 l-appellant iddepożita s-somma ta' €2565.29, li kienu l-kalkoli tiegħu, **tal-ispejjeż ġudizzjarji** u xejn iktar (ara fol. 16-18);

ii. Bid-digriet tat-12 ta' Settembru, 2019 l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-appellant sabiex il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1086/2019 ma jkollux iktar effett sa fejn jolqot l-ispejjeż. Dik il-parti tad-deċiżjoni hi ġudikat gia ladarba m'hemmx appell dwarha.

**<u>Il-ħames aggravju</u>**.

iii. Fl-aħħar nett l-appellant argumenta li fid-digriet hemm kontradizzjoni, għaliex l-ewwel Qorti ikkonfermat li "*l-ammont depożitat jiżboq dak pretiż u lanqas l-eżekutanti ma jiċħdu din iċ-ċirkostanza*". Il-qorti fehmet li r-riferenza kienet għaċ-ċedola ta' depożitu numru 1067/2018 preżentata fl-1 ta' Ġunju, 2018.

iv. Madankollu dik l-osservazzjoni saret b'riferenza għall-ispejjeż ġudizzjarji. Il-qorti diġa semmiet li ċ-ċedola ta' depożitu numru 1067/2018 tirreferi għall-ispejjeż ġudizzjarji u xejn iktar. Il-kwistjoni li llum għadha pendenti hi dwar l-imgħax, fir-rigward ta' liema ma sar l-ebda depożitu.

Għar-raġunijiet li ngħataw hawn fuq, il-Qorti tilqa' parzjalment l-appell tal-appellant fis-sens li tilqa' l-ewwel aggravju limitatament fir-rigward tal-imgħax ta' €163.34 fuq l-ispejjeż ġudizzjarji, u tiddikjara li dik is-somma m'hiijex dovuta lill-appellati. Għall-kumplament tiċħad l-aggravji tal-appellant.

Għaldaqstant, tvarja d-digriet tal-Prim'Awla tat-12 ta' Settembru, 2019 billi tħassar ukoll il-mandat ta' sekwestru numru 1086/19 inkwantu jirreferi għas-somma ta' €163.34 imgħax fuq l-ispejjeż gudizzjarji, u tikkonferma l-kumplament tad-digriet.

Spejjeż tal-appell jinqasmu inkwantu għal 80% a karigu tal-appellant u 20% a karigu tal-appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef | Robert Mangion<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb